



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12259/22

LIMITE

POLCOM 110
SERVICES 17
TELECOM 361
DATAPROTECT 250

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ġappun għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transkonfinali ta' data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ġappun għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet
dwar il-flussi transkonfinali ta' data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun
għal Sħubija Ekonomika**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġu inkluża dispożizzjonijiet dwar il-flussi transkonfinali ta' data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (l-“Ftehim”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 8.81 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-ħtieġa għall-inklużjoni fil-Ftehim ta' dispożizzjonijiet dwar il-fluss liberu ta' data.
- (3) Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22.1 tal-Ftehim, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Marzu 2022, eżamina jekk is-sħubija ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun tibbenefikax mill-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Ftehim dwar il-flussi transkonfinali ta' data. Abbażi ta' dak l-eżami, ir-rappreżentanti tal-Unjoni u tal-Ġappun, fit-28 summit bejn l-UE u l-Ġappun, li sar fit-12 ta' Mejju 2022, impenjaw ruħhom li jikkunsidraw il-ftuħ tan-negozjati meħtieġa għal tali inklużjoni.

¹ ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3

- (4) L-Unjoni u l-Ġappun għandhom relazzjoni ekonomika profonda u dinamika u, permezz tal-arranġament ta' adegwatezza reċiproka tagħhom, ħolqu l-akbar żona fid-dinja ta' trasferimenti sikuri ta' data personali. Il-Ġappun huwa l-eqreb sieħeb strateġiku tal-Unjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku u t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tagħha fl-Asja.
- (5) L-Unjoni hija impenjata f'negozjati dwar regoli orizzontali li jkopru l-flussi transkonfinali ta' data kemm fil-kuntest ta' negozjati bilaterali ma' diversi pajjiżi terzi, kif ukoll fil-kuntest tan-negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar il-kummerċ elettroniku. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jenħtieġ li jkuni koerenti ma' daww ir-regoli. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu inklużi dispożizzjonijiet fil-Ftehim dwar il-flussi transkonfinali ta' data sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim ikun koerenti mad-dispożizzjonijiet orizzontali li jkopru l-flussi transkonfinali ta' data u l-protezzjoni ta' data personali li ntlaħaq ftehim dwarhom fil-kuntest ta' negozjati kummerċjali.
- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u ta opinjoni fid-9 ta' Awwissu 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati mal-Ġappun għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika. dwar il-flussi transkonfinali ta' data.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill stipulati fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata b'ħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali – Esperti (Servizzi u Investiment).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President